MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2004

Appell Civili Numru. 1438/1996/1

**Christopher u Lucienne konjugi Meli**

**vs**

**Emanuel Galea**

**Il-Qorti,**

Fil-21 ta’ Mejju, 2003 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu

prefiss mill-Qorti jesegwixxi l-ordni ta appalt li l-atturi nkarigawh bih, liema ordni kellu jlesti f'Lulju 1996 u baqa' ma kkonsenjahx u fin-nuqqas li huma jigu awtorizzati jesegwixxu x-xoghol ghand terzi bi spejjez ghall-konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datati 4 t'Ottubru 1996 u 27 ta' Novembru 1996, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Emanuel Galea fejn eccepixxa illi:

1. It-talbiet attrici huma nfodnati fil-fatt u fid-dritt stante li kuntrarjament ghal dak allegat, ix-xoghol tlesta u lest biex jigi fornut u esegwit pero l-attur ma jridx ihallas;

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tas-17 t'Ottubru 1997 fejn il-konvenut kien iddikjara illi huwa kien ipprezenta citazzjoni kontra l-atturi sabiex jitlob il-hlas dovut ghax-xoghol illi hu kien ghamel u fejn il-partijiet qablu li ghalhekk din il-kawza ghandha tistenna l-ezitu tal-kawza l-ohra pprezentata mill-konvenut sabiex jigi ddeterminat jekk il-konsenja tax-xoghol tal-injam li ghamel il-konvenut kienetx skond kif gie pattwit jew le.

Semghet il-provi li gew prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:

Illi m'hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet illi fid-9 ta' Mejju 1996 kien sar ftehim bejniethom dwar xoghol tal-injam li kellu jigi esegwit mill-konvenut Galea, u dana ghal prezz totali ta' Lm850 (tmien mija u hamsin lira Maltin) li minnhom l-atturi kellhom ihallsu kif fil-fatt ghamlu, somma ta' Lm159 (mija u hamsin lira Maltin) bhala kaparra, kif

ukoll gie anke kkonfermat fil-ftehim ulterjuri li sar fit-3 ta' Settembru tal-1996 (esibit a fol 17 tal-process).

B'din l-ahhar skrittura gie mifthem bejn il-partijiet illi x-xoghol tal-injam kollu li gie miftihem fl-iskrittura precedenti (esibita a fol 16 tal-process) kellu jigi kkonsenjat u mwahhal fil-post mhux iktar tard mill-ahhar ta' Settembru 1996 u f'kaz li ma jsirx hekk l-atturi gew awtorizzati li jirrifjutaw ix-xoghol kollu u l-konvenut obbligat illi jhallas lura s-somma ta' Lm150 (mija u hamsin lira Maltin) li kien irceva bhala depositu.

Inoltre sar ftehim ulterjuri dwar il-bejgh ta' "vanity unit" tal-'fibre' li kellha tigi mwahhla sal-4 t'Ottubru tal-1996 ghal prezz ta' Lm100 (mitt lira Maltin).

Il-konvenut jammetti illi huwa ma kienx lesta x-xoghol fil-hin ossia sat-30 ta' Settembru tal-1996, izda dan kien minhabba li huwa kien weggha u x-xoghol kellu in segwitu jitlesta minn uliedu. Izda l-konvenut jsosstni illi nonostante illi lesta x-xoghol, anke tardivament, huwa ma riedxx jikkonsenjah u jimmontah fil-fond tal-atturi qabel ma jithallas il-prtezz kollhu miftiehem u dan billi l-atturi bdew jilmentaw fuq il-kwalita' tax-xoghol u materjal tant illi l-konvenut anke eziga li ssir perizja.

Jidher pero' minn provi prodotti fil-kawza konnessa Avviz Nru 2082/97 fl-ismijiet "Emanuel u Adriana konjugi Galea vs Christopher u Lucienne Meli" illi l-atturi kienu effettivament fil-mori tal-kawza accettaw li jitwahhal dan ix-xoghol izda xorta ma sarx il-pagament billi l-atturi jsosstnu illi x-xoghol ma sarx skond l-arti w is-sengha; ghalhekk jirrizulta li l-konvenut gie mahlul milt-terminu stabbilit ta 30 ta Settembru 1996 u l-kwistjoni tirrizolvi ruhhu dwar jekk il-konvenut kienx tardiv bill ghadhu ma kkompletax l-appalt ghaliex ix-xoghol ghadhu ma sarx kif pattwit u kif titlob l-arti u s-sengha.

Huwa ghalhekk illi l-konvenut b'dik il-kawza msemmija pproceda gudizzjarjament kontra l-atturi sabiex jithallas tax-xoghol illi huwa kkonsenja; konsegwentement, stante l-kontestazzjoni tal-istess atturi dwar il-kwalita' tax-xoghol

u materjal, il-kwistjoni tista’ tigi biss risolta wara decizjoni f’dik il-kawza l-ohra fejn ghandhu jigi determinat jekk il-konvenut ghandhux dritt li jithallas tax-xoghol tal-injam in kwistjoni.

Illi b’sentenza ta’llum stess moghtija fil-kawza msemmija (Avviz Nru 2082/97 fl-ismijiet ”Emanuel u Adriana konjugi Galea vs Christopher u Lucienne Meli”) gie deciz illi effettivament ix-xoghol konsenjat mill-konvenut ma kienx gie mahdum skond l-arti w is-sengha u li ghalhekk l-atturi ghandhom kull dritt illi jirresistu it-talba tal-konvenut ghall-hlas. Huma ghalhekk awtorizzati ukoll li jirrifjutaw li jaccettaw dan ix-xoghol u l-konvenut ghandhu jigi meqjus illi ghadhu ma osservax it-termini tal-kuntratt u x-xoghol ghandhu jkun meqjus li ghadhu ma giex ikkonsenjat kif pattwit.

Ghaldaqstant il-Qorti qed tipprovdi fuq talba attrici billi, fil-waqt illi tiddikjara illi l-konvenut baqa’ ma esegwix l-ordni tal-appalt skond il-ftehim li kellu mall-atturi u dana billi anke jekk saret il-konsenja tardivament u billi x-xoghol ma kienx maghmul skond l-arti w is-sengha u din il-konsenja ghandha titqies li qiesgha ghadha ma saritx skond il-ftehim, tilqa t-talba attrici u tiffissa terminu ta xaharejn b’effett mill-lum sabiex il-konvenut jikkompleta l-appalt miftiehem u fin-nuqqas tawtorizza lill-istess atturi sabiex jesegwixxu l-istess xogholijiet huma stess ghand terzi a spejjez tal-istess konvenut u ghal fini ta’ sorvelljanza u direzzjoni tax-xogholijiet kollha previsti qed tinnomina lil Peter Bonello bhala perit tekniku.

Bl-ispejjes kollha kontra l-konvenut.”

Il-konvenut hassu aggravat b’din id-decizjoni u ghalhekk permezz tal-appell odjern talab ir-revoka taghha. L-appell tieghu hu bazat fuq il-kwestjoni illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-ligi u tal-fatti. Huwa javvanza b’argoment illi gjaladarba l-Qorti cahditlu t-talba tieghu ghall-hlas fl-azzjoni separata minnu ntentata, l-istess Qorti ma setghetx, imbaghad, tikkundannah ukoll, bl-azzjoni prezenti, biex jezegwixxi l-appalt. Jilmenta ghalhekk illi hu ser isib ruhu f’sitwazzjoni fejn mhux ser jithallas ta’ xoghlu

ghax diga' jezisti gudikat li rrifjutatlu t-talba tieghu ghall-hlas tax-xoghlijiet appaltati.

Ghall-argomenti kontenuti fir-rikors tal-appell, sottomessi wkoll fid-dibattitu orali, l-atturi appellati wiegbu bil-konsiderazzjonijiet illi, kuntrarjament ghal dak ritenut mill-appellanti, l-ewwel Qorti ma ppreklud ietx il-jedd tal-appellanti ghall-hlas. Dan il-hlas jibqa' xorta wahda dovut lilu malli l-inkarigu affidat ikun kompletat u x-xoghlijiet ikunu ezegwiti minnu skond l-arti u s-sengha.

Din il-Qorti, anke issa fl-istadju bikri tal-konsiderazzjonijiet taghha, tistqarr li ma taqbel xejn mal-espressjoni ta' opinjoni tal-appellant dwar il-kwestjoni legali.

Jibda biex jigi rilevat illi bhal f'kull kuntratt iehor, apparti l-konsiderazzjonijiet specjali li jemanu mid-dispost tal-Artikolu 1640 tal-Kap 16, rizervat ghall-appalti, l-patt kommissorju jaghti lill-kontraent wiehed kontra l-kontraenti l-iehor inadempjenti l-ghazla li jitlob jew ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt jew l-ezekuzzjoni tieghu (Art 1069 (1) tal-Kap 16). Hekk per ezempju l-kommittent jista' jopta ghar-rizoluzzjoni f'kaz ta' tardivita` fl-ezekuzzjoni jew f'kaz li l-opra tirrizulta ghal kollox inadatta ghad-destinazzjoni taghha, jew diversa minn dik kommissjonata jew nieqsa minn xi kwalita` essenzjali. Minn naha l-ohra l-kommittent jista' jinsisti ghall-ezekuzzjoni tal-kuntratt fejn ix-xoghol jirrizulta nkompletat jew insodisfacenti. Ara, b'ezemplari, d-decizjoni fl-ismijiet "**Joseph Galea –vs- Alfred Cardona et**", Appell Kummercjali, 4 ta' Awissu 1992.

Dipendenti fuq l-ghazla maghmula l-kommittent, imbaghad, ghandu x-xelta li jinsisti ghar-rettifika tal-vizzji u difetti riskontrati fl-opra, jew tar-riduzzjoni fil-prezz raggunt bil-konfront bejn il-valur tal-opra kontrattata u l-valur tal-opra ezegwita. Dan f'kaz li d-difetti ma jkunux daqstant sostanzjali li jipprivaw l-opra mill-iskop jew l-utilita` taghha ghall-kommittent. Jista' wkoll jitlob ir-rifaciment tal-opra f'kaz li l-vizzji ma jkunux jistghu jigu eliminati hlief bid-distruzzjoni tal-opra. Ghandu, imbaghad, rizervat lilu mil-ligi, ex-Art 1069(2) tal-Kodici Civili, d-dritt jirreklama d-danni.

Minn dawn il-premessi jsegwi illi l-kommittent li jkun talab l-ezekuzzjoni tal-appalt u l-eliminazzjoni tad-difetti jista' jirrifjuta li jhallas in bazi ghall-principju "inademplenti non est adimplendum". Hu infatti pacifikament akkolt illi l-appaltatur ma ghandux dritt jezigi l-hlas tax-xoghol li jkun indahal ghalih u l-azzjoni tieghu ghal dan il-hlas titqies intempestiva sakemm ma jkunx irranga d-difetti jew ikkompleta x-xoghol. Ara a propozitu "**Carmelo sive Charles Mallia -vs- Ivan John Fonk**", Appell Civili, 24 ta' Jannar 1975 u "**Francis Spiteri noe -vs- Emmanuele Cassar**", Appell Civili, 14 ta' Marzu 1975.

Jinsab ahjar spjegat minn ezami tad-decizjonijiet in materja illi "il-Qrati taghna f'certi kazijiet ordnaw il-hlas tal-prezz tal-appalt stabbilit "a misura" meta kien hemm difetti parzjali u mhux sostanzjali fix-xoghol, izda ordnaw lill-kommittent jirritjeni parti mill-prezz sakemm l-appaltatur isewwi d-difetti. F'kazijiet ohra fejn ix-xoghol kien ezegwit in parti sewwa u in parti hazin, giet negata lill-appaltatur kull parti mill-prezz fuq il-motiv li x-xoghol ma kienx skond ma titlob is-sengha. F'kazijiet ohrajn il-Qorti ordnat li titnaqqas mis-somma li tigi mhallsa somma stmata mill-perit bhala kumpens ghad-difetti fix-xoghol, specjalment meta ma jkunx aktar possibbli jew prattikabbli li jigu rrangati d-difetti". – "**Francis Mallia pro et noe -vs- Edwin Magri**", Appell Civili, 13 ta' Ottubru 1989.

Stabbiliti dawn il-preliminari guridici tal-materja, jirrizulta fil-kaz in disamina illi l-atturi optaw ghall-ezekuzzjoni tal-appalt fis-sens illi l-konvenut appellant jigi mgieghel jirripara u jelimina d-difetti. Difetti li l-perizja teknika, bhala fonti objettiva ta' responsabilita`, irrilevat u accertat fil-kawza fl-ismijiet inversi (Avviz Numru 2082/97). L-ewwel Qorti gustament, fuq ir-rizultanzi teknici, ma sabetx raguni ghaliex m'ghandhiex issegwi l-konkluzjoni tal-espert taghha u ghalhekk iddeterminat illi l-appellant ma ghandux jedd ghall-hlas qabel ma jadempixxi ruhu u jezegwixxi d-debiti ripari tal-opra lilu appaltata. Huwa prezunt illi f'dan l-ewwel Qorti segwiet il-hsieb traccjat fis-sentenza fl-ismijiet "**Antonio Pisani -vs- Carmelo Debattista**" deciza mill-Prim'Awla fit-8 ta' Mejju 1958 li pprecizat illi "jekk ix-

xoghol li jifforma l-oggett tal-appalt ma jkunx kollu lest, jew ma jkunx kollu ezegwit skond is-sengha, l-appaltatur mhux intitolat jippretendi l-hlas tal-prezz stipulat in konsiderazzjoni ta' dak ix-xoghol, ghax meta x-xoghol li ghalih gie pattwit prezz determinat ma jkunx kollu lest (jew mhux ezegwit sewwa) l-appaltatur ma jistghax jitlob il-hlas, la kollu u lanqas parti minnu".

Huwa logikament desumibbli minn dan illi fejn l-opra tipprezenta difetti ma jistghax jinghad li l-appell gie ezegwit. Li jfisser allura lili jekk l-appalt mhux ezegwit, anke f'sens ta' bonta u adattabilita` tal-opra, l-appaltatur ma jistghax jippretendi l-hlas tal-korrispettiv sakemm l-opra ma tkunx accettabbli u ezenti minn kull difformita`. Hu biss meta l-opra tirrizulta sodisfacenti illi l-appaltatur ikollu jedd jircievi l-hlas. Fid-dawl tar-rizultanzi processwali mhux il-kaz allura li din il-Qorti tiddisturba l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti in kwantu din tinsab sew fondata fid-dritt.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez anke ta' din l-istanza kontra l-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------